

Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# IL-KATEKEŻI FL-2015:
# Lil hinn mid-duttrina

Qatt waqaft taħseb dwar dak li tkun qed ixxandar waqt il-laqgħat ta' katekeżi? Qatt għamilt evalwazzjoni wara li tkun għamilt laqgħa ta' katekeżi biex tara x'inhu jew x'inhuma dawk l-affarijiet li tkun tkellimt dwarhom? Dan huwa eżerċizzju importanti ħafna biex naraw fejn qiegħed iħabbat il-polz tagħna fil-katekeżi. L-esperjenza spiss turina u tgħallimna li ħafna drabi fil-laqgħat tal-katekeżi tagħna nkunu qegħdin inwasslu sensiela ta' moraliżmi li juru, jgħidu jew iġiegħlu lil dawk li jkunu qegħdin jisimgħuhom biex jgħixu ħajja tajba. Din mhix ħaġa ħażina fiha nnifisha, imma mhux biżżejjed li jiena nagħmel dan u nieqaf hemm.

Il-katekeżi tagħna tkun nieqsa jekk aħna nwasslu biss id-duttrina, fis-sens ta' tagħlim tal-Knisja, imma ma nwasslux lil Ġesù Kristu nnifsu – il-persuna ta' Ġesù Kristu; Persuna ħajja u li hi l-Aħbar it-Tajba għall-bnedmin kollha f'kull żmien. Il-Papa Franġisku jgħidilna: "Ma jistax ikun hemm evanġelizzazzjoni vera mingħajr it-tħabbira espliċita li Ġesù hu l-Mulej" (Evangelii Gaudium, para. 110).

Jiena spiss nistaqsi lili nnifsi: X'ġiegħel lil Xmun (Pietru) u lil ħuh Indrì, u lil Ġakbu u ħuh Ġwanni, jitilqu kollox biex imorru wara Ġesù hekk kif dan sejħilhom biex imorru warajh waqt li kienu fuq il-lant tax-xogħol? Jekk toqgħod taħseb fuq dan tinduna kemm dawn ħallew affarijiet warajhom, u kemm ħadu riskju kbir li marru wara Ġesù hekk kif dan sejħilhom; ma marrux bi prova imma Pietru u Indrì "minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh" (Mt. 4:20), filwaqt li Ġakbu u Ġwanni "telqu d-dgħajsa u lil missierhom, u marru warajh" (Mt. 4:22). Kienu ltaqgħu din id-darba mhux mat-tagħlim ta' Ġesù, jew ma' dak li qalilhom ħaddieħor dwar Ġesù, imma ma' Ġesù nnifsu: l-Iben ta' Alla li sar bniedem u persuna bħalna.

Jekk fil-laqgħat tal-katekeżi tagħna ma nlaqqgħux lil dawk li huma afdati f'idejna biex nevanġelizzawhom mal-Persuna ta' Ġesù Kristu, allura nkunu qed nitilfu opportunitajiet kbar. Huwa meta l-bniedem tal-lum jiltaqa' ma' Ġesù li jista' jasal biex, mhux biss jgħid bil-fomm, imma jemmen u jistqarr li Ġesù hu l-Mulej. Wara kollox huwa wara li l-bniedem jistqarr li Ġesù hu l-Mulej, li jista' mbagħad jgħix l-istil ta' ħajja li wriena Ġesù stess meta kien bniedem bħalna.